

Brussell, 11 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13957/20

ENV 793
CLIMA 342
TELECOM 260
DIGIT 150
ENER 489
COMPET 628
RECH 514
MI 562

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13524/20
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diġitalizzazzjoni għall-Benefiċċju tal-Ambjent - Approvazzjoni

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tema ta' hawn fuq li, billi tiġbed l-attenzjoni għal rabtiet importanti bejn id-diġitalizzazzjoni u l-ambjent, għandhom l-għan li jikkontribwixxu għad-dibattitu dwar it-trasformazzjoni diġitali sostenibbli fl-UE u li jidentifikaw l-opzjonijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew.
2. Matul il-vidjokonferenza informali tal-Ministri tal-UE għall-Ambjent fit-13 u l-14 ta' Lulju 2020, il-ministri ġew mistiedna biex ikollhom skambju ta' fehmiet dwar kif id-diġitalizzazzjoni tista' tkun allinjata aktar mill-qrib mal-interessi ambjentali u kif it-teknoloġiji diġitali għandhom jiġu sfruttati għal protezzjoni aħjar tal-klima u tal-ambjent.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) iddiskuta t-tema matul diversi vidjokonferenzi informali abbażi tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imħejji mill-Presidenza. Fil-prinċipju ntlaħaq qbil fil-livell tal-WPE wara proċedura ta' silenzju informali.
4. Fl-4 ta' Diċembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet bil-ħsieb li jiġu ppreżentati lill-Kunsill (Ambjent) għall-approvazzjoni¹.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill (Ambjent) huwa mistieden japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill fl-Anness għal din in-nota fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020.

¹ Saru aġġustamenti żgħar għat-test wara l-Coreper biex jiġu aġġornati l-ispazji riżervati li jirreferu għall-proposta tal-Kummissjoni dwar il-batteriji (p. 4) u għad-Dikjarazzjoni ta' Berlin (p. 6).

Diġitalizzazzjoni għall-Benefiċċju tal-Ambjent

- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru "Next Generation EU" (NGEU)²
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Ottubru 2020 dwar it-trasformazzjoni diġitali³

Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar

- Il-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴
- Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa⁵
- Strateġija Ewropea għad-data⁶
- White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali - Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja⁷
- Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva⁸
- Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'hajjitna⁹
- Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent¹⁰
- Introduzzjoni sigura tal-5G fl-UE – Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE¹¹
- Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa¹²

² EUCO 10/20.

³ EUCO 13/20.

⁴ 15051/19 + ADD 1 - COM(2019) 640 finali + Anness.

⁵ 6237/20 - COM(2020) 67 finali.

⁶ 6250/20 - COM(2020) 66 finali.

⁷ 6266/20 - COM(2020) 65 finali.

⁸ 6766/20 + ADD 1 - COM(2020) 98 finali.

⁹ 8219/20 + ADD 1 - COM(2020) 380 finali + Anness.

¹⁰ 8280/20 + ADD 1 - COM(2020) 381 finali.

¹¹ 5664/20 - COM(2020) 50 finali.

¹² 6782/20 - COM(2020) 102 finali.

- Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u digitali¹³
- Nixprunaw ekonomija newtrali għall-klima: Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Energija¹⁴
- Strategija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Hieles mit-Tossicità¹⁵

Il-proposti tal-Kummissjoni għal:

- Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030¹⁶
- Regolament dwar il-governanza Ewropea tad-data (Att dwar il-Governanza tad-Data)¹⁷
- Regolament dwar batteriji u skart ta' batteriji¹⁸

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- It-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa¹⁹
- Aktar ċirkolarità - Tranżizzjoni lejn soċjetà sostenibbli²⁰
- Il-Futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali"²¹
- Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss²²
- Il-bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti²³
- (*Spazju riżervat*) Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku²⁴

¹³ 6783/20 - COM(2020) 103 finali.

¹⁴ 9389/20 - COM(2020) 299 finali.

¹⁵ 11976/20 - COM(2020) 667 finali.

¹⁶ 11987/20 - COM(2020) 652 finali.

¹⁷ 13351/20 - COM(2020) 767 finali.

¹⁸ 13944/20 + ADD 1 - COM(2020) 798 final + Annessi.

¹⁹ 8711/20.

²⁰ 12791/19.

²¹ 10102/19.

²² 14835/19.

²³ 12210/20.

²⁴ [xxxx/20].

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru Next Generation EU (NGEU), il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), u l-pakketti nazzjonali ta' riforma u ta' investiment biex l-Unjoni titqiegħed fit-triq it-tajba għal irkupru sostenibbli u reżiljenti filwaqt li jiġu appoġġati l-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni; FILWAQT LI JTENNI li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għandha tikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali; FILWAQT LI JILQA' l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Ottubru 2020, li jiddikjaraw li mill-inqas 20 % tal-fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser ikunu disponibbli għat-tranżizzjoni diġitali, fost l-oħrajn biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji diġitali biex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi ta' azzjoni ambjentali u dwar il-klima;

FILWAQT LI JAPPOĠĠA l-identifikazzjoni mill-Kummissjoni tal-"isfida doppja" tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali; FILWAQT LI JENFASIZZA li s-sejbien ta' soluzzjonijiet għal din l-isfida doppja jeħtieġ koerenza politika u kooperazzjoni mill-qrib ta' oqsma ta' politika differenti; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-potenzjal tat-tranżizzjoni doppja biex jinħolqu impjegi ekoloġiċi u diġitali ġodda neċessarji għall-irkupru ekonomiku wara l-pandemija tal-COVID-19; FILWAQT LI JENFASIZZA li l-komponent diġitali ser ikun kruċjali biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) kif stabbiliti fl-istrateġija diġitali tal-UE "It-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa"; FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza li tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-SDGs, inkluż bħala mezz biex tiġi żgurata l-koerenza tal-politika, fl-indirizzar tal-isfida doppja b'mod olistiku u sistemiku;

FILWAQT LI JENFASIZZA li huma meħtieġa inizjattivi mmirati biex tiġi indirizzata l-interazzjoni bejn l-Istrateġija Diġitali Ewropea u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u b'hekk jiġu sfruttati l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni għall-protezzjoni ambjentali, l-azzjoni dwar il-klima u l-konservazzjoni tan-natura kif ukoll biex jiġu limitati l-impatti ambjentali negattivi tat-teknoloġiji u l-infrastrutturi diġitali;

FILWAQT LI JHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex japprofondixxu l-fehim tal-kontribut potenzjali tat-teknoloġiji diġitali għas-sostenibbiltà u biex janalizzaw kif il-politiki jistgħu jimmassimizzaw dan il-potenzjal, fost l-oħrajn permezz ta' azzjonijiet ta' prospettiva;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-applikazzjonijiet u t-teknoloġiji diġitali jistgħu jkunu għodod b'saħħithom għall-avvanz tal-protezzjoni ambjentali, il-konservazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, iċ-ċirkolarità, u l-azzjoni dwar il-klima; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li d-diġitalizzazzjoni tista' żżid ukoll il-prosperità u l-kompetittività, trawwem il-ġustizzja soċjali, u ttejjeb l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni; madankollu, FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-effetti ta' rimbalz possibbli tad-diġitalizzazzjoni u JENFASIZZA li l-ipproċessar tad-data, kif ukoll l-infrastrutturi u l-apparat diġitali qed jikkunsmaw dejjem aktar materja prima u enerġija prezzjużi tul il-ktajjen ta' valur u ta' provvista globali waqt it-tfassil, l-iżvilupp, il-manifattura u l-użu, u b'hekk jistgħu jikkontribwixxu għall-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, it-tniġġis, id-degradazzjoni tan-natura, it-telf tal-bijodiversità u l-ġenerazzjoni tal-iskart; għaldaqstant FILWAQT LI JINDIKA li huwa meħtieġ qafas ta' politika li jwassal biex l-effetti pożittivi tad-diġitalizzazzjoni jkunu jistgħu jiġu sfruttati filwaqt li jiġu limitati l-iżvantaġġi ekoloġiċi tagħha;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-introduzzjoni rapida ta' infrastrutturi diġitali ta' prestazzjoni għolja inkluż il-5G u n-networks futuri tal-broadband hija prerekwiżit għall-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tal-UE; f'dan ir-rigward FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtiġijiet diġitali ta' żoni rurali, muntanjużi, remoti u inqas popolati, u tal-gżejjer;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li titrawwem trasformazzjoni diġitali ġusta u inklużiva li ma tħalli lil ħadd lura, il-koeżjoni soċjali u l-kompetittività u l-importanza li jsir investiment fil-kapaċitajiet diġitali tan-nies biex jiġi evitat ir-riskju ta' distakk diġitali u għalhekk JILQA' d-Dikjarazzjoni konġunta ta' Berlin tal-Istati Membri dwar is-Soċjetà Diġitali u l-Gvern Diġitali Bbażat fuq il-Valur ta' Diċembru 2020;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza li jittieħed kont tad-dimensjoni internazzjonali tal-politika diġitali, inkluż it-tħassib u l-interessi ta' pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw permezz ta' kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet multilaterali;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li data affidabbli, aċċessibbli, komparabbli, konnessa, ta' kwalità għolja u aġġornata relatata mal-politiki ambjentali hija meħtieġa biex il-politika ambjentali tal-UE tkun ibbażata fuq il-fatti u soluzzjonijiet xprunati mid-data għall-protezzjoni ambjentali, l-edukazzjoni għal żvilupp sostenibbli, u r-riċerka ambjentali u dwar il-klima kif ukoll implimentazzjoni adattata għall-utent tal-liġi ambjentali tal-UE u monitoraġġ effettiv tal-progress u r-riżultati tagħha;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-użu u l-aċċettazzjoni tat-teknoloġiji diġitali għas-sostenibbiltà jeħtieġu ħiliet u litteriżmu diġitali u kultura ta' innovazzjoni; FILWAQT LI JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE tissaħħaħ u tintrabat aħjar mas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali u d-diġitalizzazzjoni sabiex is-sejbiet tar-riċerka jiġu inkorporati b'mod konsistenti fi proċessi u sistemi ta' innovazzjoni prattiċi u biex jiġu diretti programmi ta' appoġġ rilevanti għal dan il-għan;

Spazju Ewropew tad-data għall-Patt Ekoloġiku Ewropew

1. JISSOTTOLINJA li l-għbir tad-data, l-iffaċilitar tal-aċċess għaliha, l-ipproċessar, l-użu, il-kondiviżjoni u l-analiżi tagħha jiffurmaw il-bażi biex jiġi appoġġat it-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza għall-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll għall-irkupru u l-kompetittività fit-tul tal-Ewropa; JAPPOĠĠA l-istabbiliment ta' spazji tad-data Ewropej f'oqsma strateġiċi kif ippreżentati fl-Istrateġija Ewropea għad-Data, kif ukoll ta' regoli komuni għal kontenut, formati, kwalità minimi tad-data u proċeduri għall-aċċess u l-iskambju tad-data; JAPPOĠĠA b'mod partikolari l-istabbiliment ta' spazju tad-data tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jinvolvi atturi pubbliċi u privati biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' kull tip ta' data rilevanti inkluż data ta' Copernicus, settijiet ta' data pubbliċi ta' valur għoli u data tas-settur privat dwar setturi rilevanti;
2. JENFASIZZA li infrastruttura tal-cloud Ewropea bi prestazzjoni għolja u sostenibbli u servizzi relatati huma kruċjali għat-tiżiħ tas-sovranià u l-kompetittività diġitali tal-UE, u prerekwiżit biex wieħed jibbenefika b'mod sħiħ mill-ekonomija tad-data; JILQA' d-dikjarazzjoni konġunta tal-Istati Membri "Nibnu l-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss għan-negozji u s-settur pubbliku fl-UE"; JAFFERMA MILL-ĠDID li din l-infrastruttura għandha timmira għall-ogħla standards f'termini ta' ċibersigurtà, protezzjoni tad-data, effiċjenza fl-użu tal-enerġija, interoperabbiltà u trasparenza li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u JISTIEDEN lill-atturi rilevanti biex jieħdu kont ukoll tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-materjali;

3. JISTIENEN lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri u partijiet interessati rilevanti oħra biex jeżaminaw sa liema punt id-data relatata mal-ambjent tan-negozji, ir-riċerka, l-amministrazzjonijiet, il-konsumaturi u ċ-ċittadini hija jew tista' ssir disponibbli u tista' tintuża għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali mill-awtoritajiet pubbliċi; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata s-supremazija tal-interess pubbliku, inkluż livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, filwaqt li jiġu protetti s-sigrieti kummerċjali u tan-negozju u jiġu żgurati l-privatezza, il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'konformità mal-obbligi regolatorji fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data u r-regoli dwar l-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-UE u fl-Istati Membri;
4. JISSOTTOLINJA l-potenzjal tal-programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja Copernicus u tad-data tat-telerilevament bħala strumenti għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-monitoraġġ tal-indikaturi ambjentali u t-tiżiħ tal-konformità mal-politiki ambjentali; u għalhekk IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar il-kontenut, il-governanza u l-funzjonijiet tal-proġett Destinazzjoni d-Dinja (tewmi diġitali ta' Dinja) sabiex tiġi viżwalizzata, osservata, prevista u ġestita aħjar l-evoluzzjoni tal-pjaneta;
5. JENFASIZZA l-importanza tat-tiżiħ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) bħala waħda mill-fornituri ewlenin ta' informazzjoni ambjentali f'waqtha, immirata, rilevanti, affidabbli u komparabbli, bl-użu, fost l-oħrajn, tad-data pprovduta mill-Istati Membri fil-kuntest ta' INSPIRE, għal dawk li jfasslu l-politika u għall-pubbliku filwaqt li sa fejn jista' jkun jittieħed kont tal-konsistenza tad-data u tas-sinerġiji mal-informazzjoni pprovduta mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u minn awtoritajiet kompetenti oħra;

6. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu ottimizzati u standardizzati l-aċċess, l-użu u l-ipproċessar tad-data relatata mal-politiki ambjentali f'konformità mad-Direttivi²⁵ dwar id-Data Miftuħa u INSPIRE kif ukoll id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, rekwiżiti għal formati ta' data u servizzi interoperabbli u li jinqraw mill-magni, interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u tniżżil massiv li jaqşam il-fruntieri tas-settur u l-livelli amministrattivi sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-innovazzjoni; JENFASIZZA l-importanza li jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data fl-Istati Membri u bejniethom u l-interoperabbiltà tad-data fl-ispazji tad-data u bejniethom f'setturi differenti kif stabbilit fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF); JENFASIZZA l-ħtieġa li tiżdied l-enfasi fuq ir-rilevanza tad-data u li jiġi promoss l-użu tax-xjenza taċ-ċittadini u tat-teknoloġiji diġitali avvanzati, bħas-sensuri jew l-Intelliġenza Artifiċjali (IA);
7. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jużaw il-programmi Ewropej eżistenti sabiex joħolqu applikazzjonijiet u servizzi eżemplari u faċli biex jiġu replikati għall-ġbir, l-ipproċessar u l-analiżi ta' data rilevanti biex jappoġġaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ambjentali Ewropej u l-infurzar tal-liġi ambjentali tal-UE, anke fid-dawl tal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
8. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tal-aċċess u l-użu mill-ġdid għad-data ambjentali filwaqt li jiġu rispettati l-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-UE u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali sabiex jiġu solvuti kwistjonijiet ta' mudelli differenti ta' liċenzjar, inċertezzi legali u sforz addizzjonali għall-utenti;

²⁵ Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, u d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE), ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

9. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) fl-iżvilupp ta' strateġija ta' data ambjentali globali u fl-istabbiliment ta' "Ċentru tas-Sitwazzjonijiet Ambjentali Dinji", u biex jappoġġaw ukoll lill-pajjiżi b'ekonomiji emerġenti u dawk li qed jiżviluppaw fl-istabbiliment ta' infrastruttura li tirreġistra data relatata mal-ambjent u biex jintegraw lil dawn il-pajjiżi fl-isforzi msemmija hawn fuq biex jiġbru, janalizzaw, jaċċessaw u jiskambjaw data relatata mal-ambjent;

L-ingranaġġ ta' soluzzjonijiet diġitali biex jissaħħu l-protezzjoni ambjentali, l-azzjoni dwar il-klima, il-konservazzjoni tan-natura u ċ-ċirkolarità

10. JIRRIKONOXXI li d-diġitalizzazzjoni hija lieva eċċellenti biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima, ċirkolari u aktar reżiljenti; IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati biex ikomplu jesploraw u jisfruttaw il-potenzjal enormi tad-diġitalizzazzjoni biex tgħin lill-UE tilħaq l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u [...] t-tranżizzjoni lejn in-newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima sal-2050; JIRRIKONOXXI li d-diġitalizzazzjoni għandha l-potenzjal li tiffaċilita t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'setturi differenti u li ttejjeb l-adattament għat-tibdil fil-klima, fost l-oħrajn billi tagħti spinta lill-kapaċità tal-UE li tipprevedi u tiġġestixxi diżastri relatati mal-klima;
11. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tibda taħdem mal-partijiet interessati rilevanti fuq l-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' valutazzjoni u monitoraġġ konsistenti u trasparenti biex jiġi smat u massimizzat il-kontribut tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għat-tranżizzjoni ekoloġika; JITLOB lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati rilevanti jfasslu linji gwida u rakkomandazzjonijiet għal setturi differenti biex jiffaċilitaw l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali favur il-klima u l-ambjent filwaqt li fl-istess ħin iżidu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, tal-materjali u tal-enerġija u jevitaw l-effetti ta' rimbalz;

12. JIRRIKONOXXI li l-użu effettiv tat-teknoloġiji diġitali jista' jgħin biex it-tkabbir ma jibqax marbut mal-użu tar-riżorsi u l-impatti ambjentali negattivi tiegħu; JENFASIZZA f'dan ir-rigward il-potenzjal li t-teknoloġiji diġitali u dawk ibbażati fuq id-data għandhom biex isaħħu ċ-ċirkolarità permezz ta' tfassil aħjar tal-prodotti u l-proċessi, koordinazzjoni tal-katina tal-valur, spejjeż tat-tranżazzjonijiet imnaqqsa, loġistika inversa mtejba, senserija, sistemi ta' kondiviżjoni u kollaborattivi, informazzjoni aħjar dwar il-prodott għall-produtturi, il-konsumaturi, min isewwi u min jirriċikla, u ġestjoni aħjar tal-iskart; JIRRIKONOXXI li l-ICT jistgħu jiffaċilitaw ukoll mudelli kummerċjali aktar ċirkolari li jippermettu l-użu ottimali tal-assi, is-servitizzazzjoni, il-virtwalizzazzjoni u d-dematerjalizzazzjoni, il-funzjonament ta' pjattaformi għat-traċċar [...], il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid ta' prodotti u materjali, u li jipprovdu ġestjoni aktar effiċjenti tal-materjali, u jnaqqsu l-iskart;
13. JIRRIKONOXXI l-potenzjal li s-soluzzjonijiet diġitali għandhom fit-traċċar, il-monitoraġġ u l-analiżi ta' stokkijiet u flussi tar-riżorsi, inkluż il-materja prima sekondarja u fit-titjib tal-allokazzjoni u l-aħjar użu tagħhom, u fil-ħolqien tat-trasparenza tul il-ktajjen tal-provvista u tal-valur globali għall-partijiet interessati kollha, bħala mezz ta' kontribut għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-bijodiversità u l-promozzjoni ta' deċiżjonijiet responsabbli tal-konsumatur f'ekonomija ċirkolari;
14. JAPPELLA għal inizjattivi tal-UE sabiex titjeb id-disponibbiltà u l-fluss ta' informazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista u tal-valur globali u biex tinbena ekonomija ċirkolari b'ċikli ta' materjali ekoloġikament sodi, magħluqa, nodfa, sikuri u mhux tossiċi, sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-ftehim bejn l-atturi tas-suq dwar liema informazzjoni għandha ssir disponibbli, filwaqt li jiżguraw kriterji ċari għall-użu u l-protezzjoni ta' tali informazzjoni f'konformità mal-oqfsa legali tal-UE; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa rekwiżiti regolatorji għall-informazzjoni dwar il-prodotti kif ukoll tlaqqa' lill-partijiet interessati biex jiżviluppaw protokoll, tassonomiji u klassifikazzjonijiet maqbula b'mod reċiproku sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni tul il-ktajjen tal-valur; għalhekk JILQA' t-tħabbir ta' spazju komuni Ewropew għad-data għal applikazzjonijiet ċirkolari intelliġenti li ser jipprovdi l-arkitettura u s-sistema ta' governanza bil-ħsieb tal-promozzjoni tal-applikazzjonijiet u servizzi bħall-passaporti tal-prodotti, l-immappjar tar-riżorsi u l-informazzjoni għall-konsumatur u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri, l-atturi ekonomiċi rilevanti u lil partijiet terzi fdati oħra biex jikkontribwixxu għalih;

15. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar passaport diġitali tal-prodott, fil-kuntest tal-qafas tal-Politika għall-Prodotti Sostenibbli, li jippermetti t-traċċar u r-rintraċċar u li jiżgura l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-prodotti u l-komponenti tagħhom fir-rigward tal-orijini u l-kompożizzjoni, inkluż sustanzi ta' tħassib, il-possibilitajiet għall-użu mill-ġdid, it-tiswija, iż-żarmar u r-riċiklaġġ tagħhom, u l-immaniġġjar ta' tmiem il-ħajja, kif ukoll l-impronta u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, sabiex jiġu ffaċilitati l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli; JITLOB lill-Kummissjoni biex tuża s-settijiet ta' data eżistenti bħala punt tat-tluq; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tniedi proġetti pilota, li jinvolvu lil partijiet interessati rilevanti, għall-iżvilupp ta' passaporti diġitali tal-prodotti għall-ktajjen tal-valur tal-prodotti ewlenin fil-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, qabelxejn il-batteriji tal-vetturi elettriċi fl-2021;
16. JIRRIKONOXXI l-potenzjal li s-soluzzjonijiet diġitali għandhom fil-kisba tal-oġettivi ambizzjużi tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030; JILQA' t-tnedija mill-Kummissjoni taċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien dwar il-Bijodiversità f'Ottubru 2020; IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-ġbir, il-monitoraġġ u l-iskambju ta' data ambjentali u data minn setturi rilevanti oħrajn; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tad-data u l-użu responsabbli tat-teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, it-telerilevament, l-analiżi tal-big data u r-robotika, sabiex jittejjeb l-għarfien tal-UE u tal-Istati Membri tagħha dwar l-ispeċijiet u l-ħabitats tagħhom, biex issir pijunier fil-monitoraġġ, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u b'hekk tgħin fil-ġlieda kontra d-deterjorament tagħha; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa għodod ta' valutazzjoni għall-bijodiversità bbażati fuq data affidabbli u teknoloġiji diġitali sabiex il-Qafas tal-Bijodiversità għal wara l-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika jiġi implimentat u mmonitorjat aħjar;

17. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kooperazzjoni dwar l-użu ta' teknoloġiji diġitali u metodi innovattivi għall-monitoraġġ tal-bijodiversità, l-ekosistemi u l-monitoraġġ u r-rappurtar ambjentali ġenerali, permezz ta' forum tekniku ddedikat bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, JAGĦRAF ukoll il-ħtieġa possibbli li jiġu aġġustati r-rekwiżiti legali ta' monitoraġġ u rappurtar biex jitħaddnu teknoloġiji ġodda u JIPPROWOVI l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-aġġornament u l-użu ta' għodod ta' informazzjoni elettronika u sistemi ta' informazzjoni ambjentali diġitali għat-tixrid attiv ta' informazzjoni ambjentali fil-livell Ewropew u dak nazzjonali biex tinkiseb l-informazzjoni t-tajba fil-forma t-tajba u fil-ħin propizju u biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv;
18. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aġenda ta' politika ambizzjuża għall-użu ta' soluzzjonijiet diġitali biex tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero u biex tippromwovi l-ġbir, l-analiżi , il-ġestjoni u r-rappurtar tad-data dwar kull tip ta' tniġġis; JISĦAQ fuq l-importanza li jiġu appoġġati u involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali u partijiet interessati oħra biex jingħata appoġġ lill-istrateġiji lokali għal trasformazzjoni ekoloġika u diġitali;

Investimenti f'soluzzjonijiet diġitali għal trasformazzjoni sostenibbli tal-ekonomija u s-soċjetà

19. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jużaw u potenzjalment iżidu l-kapaċitajiet tagħhom li jużaw finanzjament adegwat għal teknoloġiji abilitanti essenzjali (inklużi l-iżviluppi meħtieġa fil-hardware u infrastruttura sigura tad-data), bħall-IA, iżda anki l-blockchain, l-Internet tal-Oġġetti (IoT), u l-informatika ta' prestazzjoni għolja sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi, għal tkabbir ekonomiku inklużiv, soċjalment ġust u sostenibbli u għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-prosperità;

20. ITENNI li l-QFP u n-NGEU, inkluż ir-RRF, kif ukoll il-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandhom jintużaw biex jistimulaw l-investment pubbliku u privat; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li ssir enfasi fuq is-sinerġiji bejn id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà fil-programmi ta' finanzjament tal-UE u l-ħtieġa ta' inizjattivi sinerġistiċi lejn it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-finanzjament għall-fini tad-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà jiġi allinjat aħjar sabiex jiġu inċentivati soluzzjonijiet diġitali sostenibbli u biex il-finanzjament mill-UE, mill-Istati Membri u mis-settur privat jintuża sabiex jiżdied l-aċċess għal finanzjament ta' ekwità għall-stadji bikrija u l-espansjoni ta' negozji ġodda u SMEs li jiffukaw fuq l-użu ta' teknoloġiji diġitali rivoluzzjonarji għal soluzzjonijiet teknoloġiċi nodfa;
21. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw l-investment pubbliku u privat, inkluż permezz ta' Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, f'teknoloġiji diġitali li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali, kif ukoll f'ICT favur l-ambjent, u biex iqajmu kuxjenza fi ħdan l-ekonomija, b'mod partikolari fis-settur finanzjarju, dwar investimenti sostenibbli, b'mod partikolari permezz tat-tlestija rapida u l-użu adegwat tat-tassonomija dwar il-finanzjament sostenibbli bħala referenza;
22. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal appoġġ sistematiku u fit-tul għal innovazzjonijiet sostenibbli; JINNOTA li politika ambjentali u klimatika ambizzjuża teħtieġ kontribut kontinwu mir-riċerka, abbażi ta' strutturi robusti ta' riċerka u innovazzjoni; JENFASIZZA li l-kapaċità innovattiva diġitali fl-interfaċċa tal-protezzjoni ambjentali u l-azzjoni klimatika għandha tissaħħaħ permezz ta' appoġġ immirat u strumenti ta' inċentiv; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jaqsmu l-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda dwar l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiffaċilita dan l-iskambju;

Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni aktar favur l-ambjent

23. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa urġenti li l-infrastrutturi diġitali jiġu estiżi, u fl-istess ħin JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat it-tfassil ambjentalment san u l-iskjerament ta' teknoloġiji diġitali, b'effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ir-riżorsi u l-materjali mtejba u użu akbar ta' materja prima sekondarja; JINNOTA n-nuqqas ta' informazzjoni komprensiva fir-rigward tal-impatti ambjentali netti tad-diġitalizzazzjoni; għalhekk JISTIENEN lill-Kummissjoni biex teżamina l-konsum ġenerali tal-enerġija, ir-riżorsi u l-ilma, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, l-emissjonijiet fil-mezzi ambjentali, id-degradazzjoni tan-natura u l-ġenerazzjoni tal-iskart f'oqsma differenti tal-ICT; barra minn hekk JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tibda minnufih il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' indikaturi u standards konsistenti sabiex l-azzjonijiet jiġu ffukati b'mod effettiv fuq it-tnaqqis tal-impatti negattivi tad-diġitalizzazzjoni fuq l-ambjent u biex jintlaħaq qbil dwar dawn l-istandards globalment fit-tul sabiex jiġu ffaċilitati approċċi bbażati fuq l-evidenza u d-data u biex daww l-impatti jiġu mmonitorjati u analizzati;
24. JIRRIKONOXXI li t-tfassil, il-produzzjoni u l-użu ambjentalment sani tal-ICT Ewropej jistgħu jgħinu biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet tas-suq u jżidu l-kompetittività tas-settur tal-ICT Ewropew u jiffaċilitaw kontributi ambjentali pożittivi minn soluzzjonijiet diġitali (eż. dematerjalizzazzjoni, kisbiet fl-effiċjenza);
25. JILQA' l-għan tal-Kummissjoni ta' ċentri tad-data b'impatt newtrali fuq il-klima, effiċjenti ħafna fl-użu tar-riżorsi, l-enerġija u l-materjali sal-2030 u għalhekk JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tipproponi mingħajr dewmien miżuri regolatorji jew mhux regolatorji, f'konformità mar-risultati ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata, u biex timplimenta strumenti ta' governanza u tas-suq biex tappoġġa d-dokumentazzjoni standardizzata, it-trasparenza u t-tnaqqis tal-impronta ambjentali ta' ċentri tad-data u n-networks ta' komunikazzjoni. Daww il-miżuri u l-istrumenti għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-bini ta' sistema tal-enerġija aktar ċirkolari kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jużaw il-kriterji l-ġodda tal-Kummissjoni għall-akkwist pubbliku ekoloġiku għaċ-ċentri tad-data u s-servizzi tal-cloud fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-akkwist pubbliku;

26. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu definiti standards u jiġu stabbiliti inċentivi għat-tfassil, l-iżvilupp u l-operat ta' ICT u servizzi durabbli, kompatibbli mal-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, l-enerġija u l-materjali, kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment; JIRRIKONOXXI li l-pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw huma partikolarment affettwati mill-isfruttament tal-materja prima u l-produzzjoni, l-użu u r-rimi ta' prodotti tal-ICT; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex teżamina modi biex ttiprovdi trasparenza akbar dwar l-impronta tal-karbonju, tar-riżorsi, tal-enerġija u tal-materjal u ambjentali tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT għall-konsumaturi sabiex jitrawmu għażliet infurmati; JAPPOĠĠA l-proposta tal-Kummissjoni li tippreżenta l-Inizjattiva tal-Elettronika Ċirkolari mħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari;
27. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi jew taġġusta r-rekwiżiti eżistenti tal-ekodisinn għal sistemi tal-ICT, tagħmir elettriku u elettroniku effiċjenti fl-użu tal-enerġija biex jiżiedu l-użu mill-ġdid, id-durabbiltà, il-kapaċità ta' tiswiġa u r-riċiklabbiltà, biex tittejjeb il-faċilità tal-aġġornamenti, biex jiġu ffaċilitati l-estrazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' materja kritika mill-iskart elettroniku, u biex jiġu ristretti sustanzi perikolużi; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tinvestiga strumenti li jippromwovu standards bħal dawn anki internazzjonalment; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiddiskuti wkoll l-iffrankar tal-materja prima permezz tal-użu ta' kontenut ta' materjal riċiklat fil-prodotti tal-ICT; JITLOB lill-Kummissjoni biex sal-2021 tressaq proposta biex tittejjeb il-kapaċità ta' tiswiġa tal-prodotti tal-ICT, inkluż aġġornamenti għas-software, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari; JIRRIKONOXXI li t-tranżizzjoni għall-5G ser titlob ġenerazzjoni ġdida ta' apparati li jużaw il-5G, u għalhekk JENFASIZZA l-ħtieġa ta' azzjoni ambizzjuża għall-ġbir u r-riċiklaġġ ta' apparat skadut jew antikwat;
28. JITLOB lill-Kummissjoni biex tikkoopera mal-partijiet interessati rilevanti sabiex b'mod konġunt jiżviluppaw soluzzjonijiet li jqisu aħjar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ir-riżorsi u l-materjali kif ukoll il-kriterji tar-riċiklabbiltà u l-kapaċità ta' użu mill-ġdid u ta' tiswiġa fi tmiem il-ħajja matul iċ-ċikli rapidi ta' innovazzjoni f'kategoriji ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata; f'dan ir-rigward JITLOB lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strumenti u inċentivi fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva tal-Elettronika Ċirkolari biex tinkorpora d-dinamika tal-atturi proattivi fis-suq u biex sa tmiem l-2021 tippreżenta pjan ta' azzjoni dwar kif jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti l-ammont ta' prodotti tal-ICT mormija sal-2025;

29. JIRRIKONOXXI li l-introduzzjoni rapida ta' networks b'Gigabits fissi kif ukoll l-użu rapidu u effiċjenti tat-teknoloġija 5G u l-ġenerazzjonijiet futuri ta' networks u infrastruttura tal-broadband ċellulari huma kruċjali għall-kompetittività fit-tul tal-ekonomija Ewropea u għall-implimentazzjoni ta' servizzi biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw l-aħjar prattiki biex jinċentivaw l-introduzzjoni ta' networks ġodda ta' komunikazzjoni elettronika u, b'mod partikolari, networks b'kapaċità għolja ħafna, b'impronta ambjentali mnaqqsa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1307 tat-18 ta' Settembru 2020 filwaqt li jiżguraw is-saħħa pubblika mingħajr ma jnaqqsu r-ritmu tal-introduzzjoni tan-network;
30. JISSOTTOLINJA l-importanza li tissaħħaħ id-domanda għal prodotti, servizzi u soluzzjonijiet tal-ICT li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent fl-akkwist pubbliku billi jitqiesu l-aspetti ambjentali filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kondizzjonijiet tas-suq, peress li dan ser jgħin fid-disseminazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali sostenibbli, u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-akkwist pubbliku ekoloġiku biex tiġi stimulata d-domanda għat-tipi kollha ta' prodotti u servizzi tal-ICT abbażi tal-aħjar prattiki;

L-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) biex isir progress fil-protezzjoni ambjentali

31. JIRRIKONOXXI li l-użu tal-IA jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jgħin biex l-interessi ambjentali u klimatiċi jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività; JAPPOĠĠA l-fehma tal-Kummissjoni li l-qafas leġislativ Ewropew dwar l-IA għandu jkun ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq l-opportunitajiet u r-riskji; JINNOTA li approċċ bħal dan jeħtieġ li jiġi diskuss aktar; JENFASIZZA li l-protezzjoni ambjentali u klimatika jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti wkoll bħala kwistjonijiet ta' tħassib sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-approċċ Ewropew għall-eċċellenza u l-fiduċja fl-IA għall-azzjoni dwar il-klima u l-protezzjoni ambjentali, filwaqt li ssir enfasi wkoll fuq l-impatti ambjentali negattivi diretti u indiretti potenzjali tal-IA u jiġu esplorati miżuri biex jitnaqqsu dawn l-impatti; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jaqsmu l-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda fil-kuntest tal-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-IA f'dan il-qasam u JITLOB lill-Kummissjoni biex tipproponi modi biex tiffaċilita dan l-iskambju;

32. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tenfasizza livelli għoljin ta' benesseri soċjali u ekoloġiku bħala prinċipju importanti tal-IA fil-Pjan Koordinat aġġornat, kif propost fil-white paper dwar l-intelliġenza artifiċjali; JISSOTTOLINJA li s-soluzzjoni tal-isfidi soċjali u ambjentali għandha titqies fl-iżvilupp tal-IA kmieni kemm jista' jkun ("sostenibbiltà mit-tfassil"), pereżempju billi jiġi kkunsidrat l-użu ta' approċċi kkombinati bbażati fuq id-data u bbażati fuq mudelli li jiddependu inqas fuq ammonti kbar ta' data;
33. JENFASIZZA li ser ikun meħtieġ apparat tal-IoT dejjem aktar konness biex tinġabar data rilevanti relatata mal-magni u mal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom biex isir użu sħiħ mill-potenzjal tal-IA; JIRRIKONOXXI li dan l-apparat, b'mod partikolari dak b'kapaċità edge computing, għandu l-potenzjal li jnaqqas il-latenza, itejjeb il-bandwidth u jipprovdi ffrankar tal-enerġija billi jtaffi t-trasferimenti tad-data; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twettaq investigazzjoni ulterjuri dwar l-impatti tat-tkabbir fl-apparat tal-IoT u l-mixja lejn l-edge computing filwaqt li tiżgura li l-kriterji tal-ekodisinn għal dan l-apparat jissalvagwardjaw standards għoljin f'termini kemm ta' durabbiltà kif ukoll ta' effiċjenza tar-riżorsi, tal-materjali u tal-enerġija;

Tisħiħ tal-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni

34. JENFASIZZA li l-politika ta' riċerka tal-UE u l-appoġġ għall-innovazzjonijiet skont l-approċċ ta' Riċerka u Innovazzjoni Responsabbli għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-SDGs; JENFASIZZA, f'dan il-kuntest, li l-programm qafas il-ġdid tal-UE għar-riċerka Orizzont Ewropa jeħtieġ li jikkontribwixxi għat-tiswir kemm ta' tranżizzjoni diġitali kif ukoll ta' tranżizzjoni sostenibbli, u b'hekk isaħħaħ it-trasformazzjoni u r-riċerka trasformattiva;
35. JENFASIZZA li t-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa kruċjali sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ICT imfassla b'mod sostenibbli kif ukoll l-użu u l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali li jippromwovu s-sostenibbiltà; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-Programm Ewropa Diġitali u l-Programm Diġitali tal-FNE2 jappoġġaw l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji, infrastrutturi u servizzi diġitali b'appoġġ għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

36. JAPPELLA għall-integrazzjoni tal-interazzjoni bejn is-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni fl-iżvilupp kontinwu taż-Żona Ewropea tar-Riċerka sabiex jiġu analizzati l-ħtiġijiet futuri tar-riċerka u jiġu żviluppati soluzzjonijiet strateġiċi permezz ta' skambju msaħħaħ bejn il-partijiet interessati rilevanti fil-komunità xjentifika u lil hinn minnha; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni & Teknoloġija (EIT) f'komunità kooperattiva ta' għarfien u innovazzjoni tax-xjenza, l-industrija u s-soċjetà;
37. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' titjib fil-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' soluzzjonijiet diġitali għall-ambjent bejn l-Istati Membri tal-UE permezz tal-promozzjoni ta' "ekosistemi" diġitali fl-UE kollha, abbażi tal-oqsma ta' prijorità mressqa fil-Programm Ewropa Diġitali; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' postijiet għall-ittestjar u spazji sperimentali biex jiġu stimulati l-innovazzjonijiet ambjentali; JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabilixxu proġetti pilota transfruntiera li jużaw teknoloġiji diġitali abilitanti biex jappoġġaw l-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza fil-biedja, il-mobilità, il-kostruzzjoni, il-manifattura, l-enerġija u setturi oħra.
-